**120. Il-Kap ta' l-Oppożizzjoni ppropona din il-Mozzjoni:-**

Din il-Kamra tinnota:

1. Fil-programm elettorali tal-Partit Laburista għall-elezzjoni tas-26 ta' Ottubru, 1996, jingħad illi "l-Partit Laburista jemmen li Malta m'għandhiex issir membru ta' l-Unjoni Ewropea għax bħala membru jkollha taċċetta u tħaddem il-politika kollha ta' l-Unjoni. Parti ġmielha minn din il-politika tfasslet għall-pajjiżi kbar tal-kontinent Ewropew u ma tgħoddx għall-gżejjer ċkejknin bħal Malta u Għawdex bix-xejriet ekonomiċi u soċjali speċifiċi tagħhom".

2. Nhar is-Sibt, 7 ta' Frar, 1998, ġie pubblikat f'Malta, mhux mill-Gvern, id-dokument "*Communication from the Commission to the Council*" preparat mill-Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea bħala l-bażi ta' proposta ta' ftehim ma' Malta skond ix-xewqat tal-Gvern.

3. Id-dokument jipproponi li Malta effettivament terfa' l-piżijiet ekonomiċi u soċjali tas-sħubija mingħajr ma tgawdi l-vantaġġi sostanzjali finanzjarji u politiċi li ġġib magħha s-sħubija.

4. Il-Gvern laqa' dan id-dokument bħala pożittiv ħafna u bħala konformi mal-politika tiegħu.

Il-Kamra tqis, għall-kuntrarju, li fl-interess nazzjonali l-proposti tal-Kummissjoni għandhom ikunu marbutin ma' negozjati simultanji għas-sħubija ta' Malta fl-Unjoni Ewropea u li l-politika tal-Gvern tmur kontra l-interessi nazzjonali ekonomiċi, soċjali, finanzjarji u politiċi ta' Malta.

Għaldaqstant din il-Kamra m'għandhiex fiduċja fil-Gvern.

**13.02.1998**

**Il-Viċi Prim Ministru u Ministru għall-Affarijiet Barranin u ta’ l-Ambjent ressaq din l-Emenda:-**

Ħassar il-kliem kollu li jiġi wara “… skond ix-xewqat tal-Gvern.” fl-aħħar tat-tieni paragrafu tal-mozzjoni, u daħħal dan li ġej:

“Din il-Kamra TINNOTA wkoll:

Li l-progress li b’hekk sar fil-ħidma biex titwettaq il-wegħda tal-manifest elettorali Laburista iċ-Ċittadin l-Ewwel ħalli Malta jkollha l-aħjar rabta ma’ l-Unjoni Ewropea billi tinħoloq zona ta’ kummerċ ħieles ma’ l-Unjoni fil-qafas ta’ ftehim li jinkludi koperazzjoni politika, kummerċjali, teknika u soċjali.

Għalhekk din il-Kamra:

TAGĦRAF li din il-ħidma għandha titmexxa, kif qed isir, f’linja waħda mal-ħidma l-oħra meħtieġa biex l-industrija u azjendi oħra ta’ pajjiżna jimmodernizzaw irwieħhom b’mod li jkunu jistgħu jilqgħu għall-kompetizzjoni akbar minn barra billi jtejbu l-operat tagħhom, b’ġid għall-ħaddiema tagħhom, għall-konsumaturi u għall-imprendituri li jmexxuhom.

TEMMEN li fl-iżvilupp tar-relazzjonijiet tajba bejn Malta u l-Unjoni Ewropea qed tiġi mħarsa u mseddqa n-newtralita’ ta’ Malta li timmarka lil pajjiżna bħala wieħed li tassew għandu vokazzjoni Ewro-Mediterranja u b’hekk jagħti kontribut mill-aqwa lill-paċi fiz-zona tagħna.

TINKORAĠĠIXXI li fiż-żmien li ġej, jibqa’ għaddej id-dibattitu wiesa’ nazzjonali dwar is-sehem futur ta’ Malta fl-għaqda ta’ l-Ewropa u tal-Mediterran, għax sakemm diskussjoni bħal din issir b’mod oġġettiv u mingħajr preġudizzji, hi utli biex il-ġens Malti jkun konxju ta’ l-opportunitajiet u l-isfidi li jinsabu quddiem pajjiżu.

TISTENNA li l-Gvern ipoġġi riżorsi finanzjarji biżżejjed fil-ħidma li biha l-ekonomija tagħna tiġi modernizzata, waqt li jinvolvi f’din il-ħidma s-setturi kollha involuti fil-pajjiż, kemm rappreżentanti tas-sidien u kemm rappreżentanti tal-ħaddiema.

TQIS li l-Oppożizzjoni Nazzjonalista qed timxi b’mod li ma jirrispettax il-mandat popolari mogħti f’Ottubru 1996 dwar relazzjonijiet bejn Malta u l-Unjoni Ewropea, u għalhekk jistħoqqilha turija sħiħa ta’ kundanna u sfiduċja mill-poplu.

TAWGURA li bit-twettiq tal-politika tal-Gvern Laburista Malti f’dan il-qasam mhux biss inkunu mxejna bil-fatti u mhux bil-kliem fit-triq li biha nimmodernizzaw l-ekonomija tagħha, imma nkunu wkoll poġġejna fuq pedamenti sodi r-rabta ta’ pajjiżna ma’ l-Unjoni b’mod li tassew jgħodd għaċ-ċirkostanzi partikolari tagħna.

Għaldaqstant, din il-Kamra tagħti l-fiduċja sħiħa tagħha lill-Gvern.”.

**Billi l-voti ġew indaqs, Madam Speaker tat il-*casting vote* tagħha ma' dawk li vvotaw kontra l-emenda.**

**L-Emenda m’għaddietx.**

**Meta Madam Speaker qiegħdet il-mistoqsija fuq il-mozzjoni mressqa mill-Kap ta' l-Oppożizzjoni, intalbet votazzjoni u din ittieħdet dak il-ħin stess.**

**Il-mozzjoni m'għaddietx.**